MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 179/2008

Kawza fil-lista: 25

**A** B **C**
**vs**
**D E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat, prezentat fil-25 ta’ April 2008, li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li minn relazzjoni li kellhom il-partijiet bejniethom, twieldu t-tfal, F li ghandu sitt snin u G li ghandha sena; li r-relazzjoni ntemmet minhabba vjolenza da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ l-attrici, u ta’ ulied il-partijiet, tant li kienet inharget Ordni ta’ Protezzjoni mill-Qorti tal-Magistrati; li l-konvenut kien qed jaqla’ hafna ncidenti quddiem ir-residenza ta’ l-attrici, tant li din kienet ghamlet diversi rapporti, bir-rizultat li eventwalment kellha ssib rifugju f’ Dar il-Ghabex, izda

xorta l-molestji ma waqfux; li din is-sitwazzjoni qed tippregudika lit-tfal minuri li qed jghixu fi stat ta' biza' u tenzjoni kontinwa billi jassistu ghal xenati kbar; li l-konvenut qatt ma kkontribwixxa ghall-ghixien tal-minuri; li l-medjazzjoni ma halliet ebda frott, u l-attrici giet awtorizzata tipprezenta l-istanza odjerna; ghalhekk l-attrici qed titlob li din il-Qorti: [1] tafdalha l-kura u kustodja tat-tfal minuri, b' access supervizjonat favur il-missier; [2] tordna li l-konvenut ihallas manteniment ghal uliedu; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut eccepixxa: [1] li huwa jichad l-allegazzjonijiet ta' vjolenza, sevizzi jew molestja maghmula mill-attrici fil-konfront tieghu; [2] li hu kien ghamel zmien twil jghix fl-istess residenza tar-rikorrenti; [3] li l-incidenti sehhew meta l-attrici kienet timpedixxi lill-konvenut milli jara lil uliedu; [4] li mhux minnu li t-tfal jibzghu mill-konvenut, u li ma jridux jarawh; [5] li ghad li huwa dizokkupat, hu ikkontribwixxa diversi drabi ghall-manteniment ta' uliedu; u li fil-kaz li jibda jkollu ntrojtu b' salarju jew qligh regolari huwa jivversa rati mensili bhala manteniment ghal uliedu minnufih;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tafda lilha bil-kura u kustodja tat-tfal minuri F u G, b' access supervizjonat favur il-konvenut; kif ukoll sabiex il-konvenut ihallas manteniment ghat-tfal.

Minn naha tieghu, il-konvenut, filwaqt li jichad l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront tieghu mill-attrici, qed jitlob li jinghata access ghat-tfal, u wkoll, jghid li malli jibda jahdem ser jghati retta alimentarja ghat-tfal.

Illi permezz ta' rikors kongunt prezentat fl-udjenza tas-26 ta' Ottubru 2010, il-partijiet informaw lil Qorti li huma kienu lahqu ftehim dwar l-aspett tal-kura u kustodja u l-access, u

talba li din il-Qorti taghti sentenza parzjali, fuq l-ewwel talba fit-termini ta’ l-istess ftehim.

Illi l-partijiet qabblu li l-attrici jkollha l-kura u kustodja esklussiva tat-tfal minuri, b’ access stabbilit favur il-missier.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar l-ewwel talba billi: tafda l-kura u kustodja tal-minuri F u G, ahwa E, esklussivament f’ idejn l-attrici;  u tordna li l-konvenut ikollu access ghall-istess minuri “kull nhar ta’ Tlieta u Hamis bejn 4.00pm u 6.00pm jew kif miftiehem hin iehor liema perijodu ma jeccedix sitt [6] sieghat, u kull nhar ta’ Sibt jew Hadd b’ mod alternanti bejn 10.00am sa 12.00pm jew jekk hekk miftiehem ghal hin ta’ mhux aktar minn sitt [6] sieghat wara 10.00am;  il-minuri ghandhom jingabru u jigu ritornati mill-pjazza ta’ B’Bugia.”

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------